Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/441

10.3.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/441

tas-6 ta' Marzu 2025

li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli affettwati minn eventi klimatiċi avversi u diżastri naturali fi Spanja, fil-Kroazja, f'Ċipru, fil-Latvja u fl-Ungerija, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 221(1) tiegħu,

Billi:

(1) Matul tmiem ix-xahar ta' Ottubru u l-bidu tax-xahar ta' Novembru 2024, Spanja kienet affettwata minn eventi tat-temp avversi ta' kobor bla preċedent. Episodji suċċessivi ta' dipressjoni iżolata kkawżaw xita eċċezzjonalment qawwija u għargħar devastanti li affettwaw b'mod sever il-produzzjoni fis-setturi tal-frott u tal-ħxejjex, tal-inbid, taż-żebbuġ u tal-bhejjem. F'ċerti reġjuni, dawn l-eventi tat-temp eċċezzjonalment avversi kienu preċeduti minn nuqqas ta' xita mill-bidu tal-istaġun, u minn kundizzjonijiet ta' sħana intensi fix-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2024 li wasslu għal kundizzjonijiet ta' nixfa u affettwaw b'mod sever il-produzzjoni ta' xi għelejjel, b'mod partikolari l-ġewż.

(2) Matul is-sajf tal-2024, il-Kroazja esperjenzat eventi klimatiċi avversi ta' kobor bla preċedent. Fil-bidu tas-sena 2024, il-Kroazja kienet qed tesperjenza perjodi aktar sħan, segwiti minn temperaturi aktar baxxi meta mqabbla mal-medji fit-tul, li affettwaw it-tkabbir avvanzat tal-għelejjel. Dawn kienu segwiti minn temperaturi estremament għoljin u mewġiet eċċezzjonali ta' sħana f'Lulju 2024, li affettwaw b'mod sinifikanti l-produzzjoni ta' ċerti frott u ħxejjex u l-għeneb tal-inbid, u ta' ċerti għelejjel li jinħartu, b'mod partikolari l-qamħirrum, il-ġirasol, is-sojja u l-pitravi ħelwa.

(3) Matul ix-xhur ta' Diċembru 2023, Jannar 2024 u Frar 2024, Ċipru kien affettwat minn nuqqas sinifikanti ta' xita flimkien ma' temperaturi għoljin f'livelli rekord, li rriżultaw f'kundizzjonijiet xotti. Il-preċipitazzjonijiet baxxi, il-kundizzjonijiet xotti u n-nuqqas ta' ilma komplew matul ir-rebbiegħa u s-sajf tal-2024 u affettwaw is-setturi taċ-ċereali u taż-żebbuġ, u l-produzzjoni ta' ċerti frott u ħxejjex, b'mod partikolari l-produzzjoni tal-lewż u tal-għeneb tal-inbid.

(4) Matul ix-xahar ta' Lulju u fil-bidu tax-xahar ta' Awwissu 2024, partijiet mil-Latvja kienu affettwati minn eventi klimatiċi avversi ta' kobor bla preċedent, b'mod partikolari xita estremament intensa. F'Diċembru 2023 u Jannar 2024, dawn l-eventi kienu preċeduti minn temperaturi kesħin, ġlata u perjodi ta' kesħa f'livelli rekord, segwiti minn temperaturi sħan mhux tas-soltu minn Marzu 2024 u sussegwentement minn eventi ta' ġlata fil-bidu ta' Mejju 2024. Dawn il-varjazzjonijiet kbar fit-temperatura affettwaw il-produzzjoni tal-għelejjel, b'mod partikolari ċ-ċereali u l-lift, u l-frott u l-ħxejjex, inkluża l-patata.

(5) Matul is-sajf tal-2024, l-Ungerija kienet affettwata minn kundizzjonijiet klimatiċi avversi ta' kobor bla preċedent. Temperaturi sħan mhux tas-soltu flimkien ma' nuqqas persistenti ta' xita u kundizzjonijiet ta' nixfa affettwaw b'mod sinifikanti l-għelejjel tal-qamħirrum u sa ċertu punt affettwaw inqas il-ġirasol, is-sojja, u l-pitravi ħelwa, is-settur tal-frott u l-ħxejjex, inkluża l-patata, u s-settur tal-inbid.

(6) Filwaqt li hemm indikazzjonijiet li eventi klimatiċi avversi u diżastri naturali simili jseħħu fl-Unjoni kollha f'kuntest ġenerali ta' żieda fir-riskji għall-agrikoltura relatati mat-tibdil fil-klima, l-intensità ta' dawk l-eventi fi Spanja, fil-Kroazja, f'Ċipru, fil-Latvja u fl-Ungerija kienet straordinarja, u affettwat żona u sehem tal-produzzjoni sinifikanti.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

(7) Il-ħsarat sinifikanti għall-produtturi agrikoli kkawżati minn dawn l-eventi klimatiċi avversi u d-diżastri naturali u t-telf ta' introjtu li jirriżulta minnhom għall-produtturi affettwati fi Spanja, fil-Kroazja, f'Ċipru, fil-Latvja u fl-Ungerija jipperikolaw il-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli.

(8) Għalhekk jenħtieġ li tiġi adottata miżura eċċezzjonali li tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-problemi speċifiċi wara dawn l-eventi klimatiċi avversi u d-diżastri naturali fi Spanja, fil-Kroazja, f'Ċipru, fil-Latvja u fl-Ungerija.

(9) Il-ħsarat sinifikanti u t-telf ekonomiku mġarrbin mill-produtturi agrikoli minħabba eventi klimatiċi avversi u diżastri naturali jikkostitwixxu problema speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li ma tistax tiġi indirizzata faċilment mill-miżuri meħuda skont l-Artikoli 219 jew 220 ta' dak ir-Regolament. Is-sitwazzjoni mhijiex marbuta speċifikament ma' disturb uniku identifikat fis-suq jew ma' theddida preċiża assoċjata miegħu. Lanqas ma hi marbuta ma' miżuri li jikkombattu t-tixrid tal-mard tal-annimali jew it-telf fil-fiduċja tal-konsumaturi minħabba r-riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti.

(10) Jenħtieġ li l-ammonti li saru disponibbli għal Spanja, għall-Kroazja, għal Ċipru, għal-Latvja u għall-Ungerija jiġu ddeterminati, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, il-piż rispettiv ta' dawk l-Istati Membri fis-settur agrikolu tal-Unjoni, abbażi tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), kif ukoll tal-impatt tal-eventi klimatiċi avversi u tad-diżastri naturali f'dawk l-Istati Membri.

(11) Jenħtieġ li Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija jqassmu l-għajnuna permezz tal-aktar mezzi effettivi abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji li jqisu l-livelli tad-diffikultajiet u tad-danni ekonomiċi attwali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa kkonċernati. Jenħtieġ li jiżguraw li l-bdiewa jkunu l-benefiċjarji aħħarin tal-għajnuna u jevitaw kwalunkwe distorsjoni tas-suq jew tal-kompetizzjoni.

(12) Billi l-ammonti allokati lil Spanja, lill-Kroazja, lil Ċipru, lil-Latvja u lill-Ungerija jindirizzaw b'mod parzjali biss id-diffikultajiet ekonomiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa, jenħtieġ li l-Istat Membru jitħalla jagħti appoġġ nazzjonali addizzjonali lill-bdiewa, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament.

(13) Sabiex Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija jingħataw il-flessibbiltà li jqassmu l-għajnuna skont il-ħtieġa taċ-ċirkustanzi tal-bdiewa kkonċernati, jenħtieġ li l-Istat Membru jkun jista' jakkumula dik l-għajnuna ma' appoġġ ieħor iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, mingħajr ma jagħti kumpens żejjed lill-bdiewa.

(14) Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, jenħtieġ li Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija jqisu l-appoġġ mogħti fil-qafas ta' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew ta' skemi privati bħala rispons għat-telf ekonomiku mġarrab.

(15) Peress li l-għajnuna tal-Unjoni hija stabbilita bl-euro, biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u simultanja jeħtieġ li tiġi ffissata data għall-konverżjoni tal-ammonti allokati lill-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-euro bħala l-munita nazzjonali tagħhom, kif inhu l-każ għall-Ungerija. Billi dan ir-Regolament ma jipprevedix skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna, jixraq li, għall-finijiet tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([3]), titqies id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament bħala l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju fir-rigward tal-ammonti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

(16) Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din il-miżura eċċezzjonali, jenħtieġ li l-benefiċjarji jirċievu malajr l-appoġġ finanzjarju ta' emerġenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu żgurati monitoraġġ f'waqtu tal-baġit kif ukoll segwitu aġġornat u użu effiċjenti tar-riżerva għall-agrikoltura, biex b'hekk tiġi massimizzata d-disponibbiltà tagħha u tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons fil-pront għall-kriżijiet emerġenti. Għalhekk jixraq li tiġi definita data ta' eliġibbiltà għall-Istati Membri biex iħallsu dan l-appoġġ lill-benefiċjarji. Kull pagament li jsir wara din id-data jenħtieġ li jitqies ineliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni.

(17) Għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni tiffinanzja n-nefqa mġarrba minn Spanja, mill-Kroazja, minn Ċipru, mil-Latvja u mill-Ungerija skont din il-miżura eċċezzjonali biss meta nefqa bħal din issir sa ċerta data ta' eliġibbiltà. Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ għal din il-miżura eċċezzjonali jitħallas sat-30 ta' Settembru 2025.

(18) Peress li l-ebda pagament li jsir wara t-30 ta' Settembru 2025 ma għandu jitqies eliġibbli taħt kwalunkwe ċirkostanza, ma għandux japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, li jipprevedi tnaqqis proporzjonali tal-pagamenti ta' kull xahar li jsiru wara l-iskadenza.

(19) Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija jenħtieġ li jikkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex l-Unjoni tkun tista' timmonitorja l-effiċjenza tal-miżura introdotta b'dan ir-Regolament.

(20) Sabiex jiġi żgurat li l-bdiewa jirċievu l-għajnuna malajr kemm jista' jkun, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija jenħtieġ li jimplimentaw dan ir-Regolament mingħajr dewmien. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għandha tkun disponibbli għajnuna tal-Unjoni ta' ammont totali ta' EUR 98 600 000 għal Spanja, għall-Kroazja, għal Ċipru, għal-Latvja u għall-Ungerija biex jipprovdu appoġġ eċċezzjonali lill-bdiewa soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. In-nefqa tal-Unjoni mġarrba f'konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex taqbeż l-ammont totali ta':

(a) EUR 68 000 000 għal Spanja;

(b) EUR 6 700 000 għall-Kroazja;

(c) EUR 3 500 000 għal Ċipru;

(d) EUR 4 200 000 għal-Latvja;

(e) EUR 16 200 000 għall-Ungerija.

3. Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija għandhom jużaw l-ammonti msemmija fil-paragrafu 2 għal miżuri li għandhom l-għan li jikkumpensaw lill-bdiewa l-aktar affettwati għat-telf ekonomiku tagħhom li jħalli impatt fuq il-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli tagħhom fis-setturi u fil-produzzjonijiet milquta minn eventi klimatiċi avversi fir-reġjuni affettwati.

4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jittieħdu abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji li jqisu t-telf ekonomiku attwali mġarrab mill-bdiewa affettwati. Il-miżuri għandhom ikunu ta' tali natura li l-pagamenti li jirriżultaw minnhom ma jikkawżawx distorsjoni tas-suq jew tal-kompetizzjoni.

5. Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija għandhom jiżguraw li, meta l-bdiewa ma jkunux il-benefiċjarji diretti tal-pagamenti tal-għajnuna tal-Unjoni, il-benefiċċju ekonomiku tal-għajnuna tal-Unjoni jingħadda lilhom b'mod xieraq.

6. In-nefqa imġarrba minn Spanja, mill-Kroazja, minn Ċipru, mil-Latvja u mill-Ungerija msemmija fil-paragrafu 2 fir-rigward tal-pagamenti għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna tal-Unjoni biss jekk dawk il-pagamenti jkunu saru sat-30 ta' Settembru 2025.

7. Għall-finijiet tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju fir-rigward tal-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 1(2) għandu jkun id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

8. Il-miżuri skont dan ir-Regolament jistgħu jiġu kumulati ma' appoġġ ieħor iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

9. Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija jistgħu jagħtu appoġġ nazzjonali addizzjonali għall-miżuri meħuda skont il-paragrafu 3 sa massimu ta' 200 % tal-ammont rispettiv stabbilit fil-paragrafu 2, abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, dment li l-pagamenti li jirriżultaw minn dawn il-miżuri ma jikkawżaw ebda distorsjoni tas-suq jew tal-kompetizzjoni, jew kumpens żejjed. Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija għandhom iħallsu l-appoġġ nazzjonali addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2025.

10. Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, meta jingħata appoġġ skont dan ir-Regolament, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija għandhom iqisu l-appoġġ mogħti fil-qafas ta' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew ta' skemi privati bħala rispons għat-telf ekonomiku kkonċernat.

Artikolu 2

1. Mingħajr dewmien u mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2025, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawn li ġejjin, b'rabta mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(3):

(a) deskrizzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu;

(b) il-kriterji li ntużaw biex jiġu ddeterminati l-metodi għall-għoti tal-għajnuna, l-ammonti tal-għajnuna u l-metodi u r-raġunament għat-tqassim tal-għajnuna fost il-bdiewa;

(c) l-impatt maħsub tal-miżuri bil-għan li l-bdiewa jiġu kkumpensati għat-telf ekonomiku;

(d) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġi vverifikat li jinkiseb l-impatt maħsub tal-miżuri;

(e) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu evitati d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-kumpens żejjed;

(f) il-previżjoni għall-pagamenti tan-nefqa tal-Unjoni imqassma kull xahar sat-30 ta' Settembru 2025;

(g) il-livell ta' appoġġ nazzjonali addizzjonali li għandu jingħata skont l-Artikolu 1(9);

(h) l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà tal-bdiewa u biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2026, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Ungerija għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ammonti totali mħallsa għal kull miżura, meta applikabbli, imqassma skont l-għajnuna tal-Unjoni u l-appoġġ nazzjonali addizzjonali, in-numru u t-tip ta' benefiċjarji u l-valutazzjoni tal-effettività tal-miżura.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN